MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 744/2003

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta` estera AXA Insurance PLC, kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michelle Cassar**
**vs**

**Emanuel Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-15 ta' April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm144.25) risraciment ta' danni minnha sborsati bhala indennizz a favor l-assikurata taghha bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara f'Birkirkara fit-3 ta' Settembru, 2002, meta waqt li il-konvenut kien qed isuq il-vettura GVN-354 habat mal-vettura numru FAZ-035, proprjeta` ta' Michelle Cassar u misjuqa minnha, ghal liema incident il-konvenut**

**kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti; Oltre d-danni u l-ispejjez tal-kawza, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) tat-28 ta' Frar, 2003 u l-imghax legali b'effett mit-28 ta' Frar, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Mejju, 2003, fejn intqal: i. illi l-incident sehh tan-negligenza tal-attur; ii. Li l-ispejjez reklamati huma esagerati; salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Stephen Conti, Michelle Cassar, PS 1131 Justin Camilleri u Emmanuel Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazzjoni dwar il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fit-3 ta' Settembru, 2002, fil-By-Pass ta' Birkirkara, ezatt hdejn ir-roundabout fejn hemm l-istabiliment tal-Vodafone. Il-vetturi involuti fl-incident kienu l-vettura numru FAZ-035 misjuqa minn Michelle Cassar, l-assikurata tas-socjeta` attrici, u l-vettura numru GVN-354 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Jirrizulta mill-provi illi z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni cioe` fid-direzzjoni tal-Belt, u illi filwaqt li qabel ma qabdu l-imsemmija rounabout, l-attrici kienet fil-karreggjata ta' barra, cioe` dik vicin tas-centre strip, il-konvenut kien fil-karreggjata interna, u kien kemm kemm ftit aktar lura mill-attrici.**
**3. Jirrizulta illi l-attrici qabdet ir-roundabout u rasset maghha, kif kien fi dmira li taghmel, u meta kienet ghaddiet kwazi r-roundabout kollha, hasset daqqa fuq wara. Fil-fatt hi garrbet hsara fuq il-parti ta' wara fuq il-genb in-naha tax-xellug.**
**4. Il-konvenut qed jallega li meta kien ghadda r-roundabout ra lill-attrici titkaxkar mieghu. Jghid li dan seta jarah fil-mera. Fl-opinjoni tat-Tribunal dak li qed jghid il-konvenut ma jaghmilx sens, peress illi d-daqqa fuq il-vettura tal-attrici kienet fuq il-genb ta'**

**wara, u ghalhekk hu aktar verosimili li l-konvenut kiser xi ftit lejn il-lemin waqt li qed jitlaq ir-roundabout, u b'hekk hakk mal-vettura tal-attrici.**

**5. Inoltre t-Tribunal jinnota li skond ma xehed is-Surgent Justin Camilleri, l-incident sehh kif wiehed jitlaq mir-roundabout, u f'dan is-sens tinsab konfermata il-versjoni tal-attrici.**

**6. It-Tribunal jinnota illi l-konvenut li kien miexi mal-konvenuta izda warajha, kellu obbligu li kemm jista' jkun ma jrossx mal-vettura taghha, ghax f'tali cirkostanzi huwa prevedibbli illi l-kollizzjoni issir inevitabbli. Ghalhekk l-incident sehh unikament tort tal-konvenut, minhabba li ma uzax id-debita diligenza waqt li kien qed jimmanuvra biex jitlaq minn mar-roundabout, u waqt li kellu vettura ohra tipprecedih, u billi dan invada il-karregata tal-vettura l-ohra.**

**7. Bhala Danni, ghakemm gie eccepit li dawn huma esagerati, dawn jinsabu konfermati mis-survey Dok.SC1 konfermat mis-surveyor Steve Conti, kif ukoll mid-dokumentazzjoni dwar it-tiswijiet Dok.SC3 sa Dok.SC8.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm144.25) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2003 (b'notifika wahda), ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------